oħra ta' pubblikazzjoni li jsostnu wkoll lilhom infushom bħala distributuri ewlenin. Dawn qed jgħinnhom biex jagħtuna kemm rumanzi li huma ferm popolari kif ukoll kotba oħra ta' riċerka u interess ġenerali.

F'dan il-kuntest kollu fosthom dak taċ-ċokon ta' pajjiżna, ma nistax ma nammirax id-dedikazzjoni ta' djar oħra ta' pubblikazzjoni li qed joħorġu xogħol tabilħaqq mill-qalb u uniku. Fost dawn insibu preżentazzjoni unika ta' kotba, b'xogħol tal-idejn bħal qoxra iebsa u l-ħjata. Insemmi wkoll kotba ta' riċerka li l-istampar tagħhom biss, minħabba n-natura tagħhom, fotografija bil-kulur, diġà jiswew flus bil-bosta sabiex setgħu jiġu f'idejna; u qed neskludi r-riċerka empirika.

## Kotba ta' Riċerka

L-episodji politiċi huma għal qalb ħafna l-Maltin. U minkejja l-informazzjoni li tinfirex permezz tal-mezzi soċjali wara li toħroġ mill-portals tagħna, xorta l-kotba dwar dan huma ferm popolari. Forsi l-qarrejja jkunu jridu jaqraw aktar dettalji u forsi analiżi aktar profonda li ma tkunx preżenti jekk mhux fil-ktieb. Fost il-kotba ewlenin u popolari ferm magħkom il-qarrejja (għalkemm mhux kolha ħarġu din is-sena), insibu Pilatus: A Laundromat Bank, Murder on the Malta Express, Passport to Vice.

Sergio Grech, permezz tas-sensiela Sensiela Bejn storja u miti, matul din is-sena tana l-ktieb ta' Anton Buttigieg. B'hekk dan il-ktieb ser ikompli jibni ma' din is-sensiela li jiena nsejjaħ bħala ġojjell.

Riċerkatur ieħor li qed jagħmel ħafna xogħol bil-qalb huwa Dr Andrew Sciberras, li matul din is-sena tana l-ktieb Friedrich Nietzsche (Ħajtu u Ħsibijietu - L-Ewwel Volum). F'dan l-ewwel volum wieħed għandu jsib tradotti għall-Malti tliet kotba sħaħ ta' dan il-ħassieb kbir: 'Ecce Homo', 'Thus Spoke Zarathustra' u 'Twilight of the Idols'. Wieħed għandu jsib ukoll l-aħjar siltiet mill-kotba kollha li kiteb Nietzsche.

F'xi kotba ta' riċerka, r-ritratt huwa important daqs it-test innifsu. Jibqgħu popolari wkoll 150 Richard Ellis kif ukoll Art as life: Caravaggio in Malta. Imma ma nistax ma nsemmix is--sensiela Ilwien il-Festi Maltin, ta' Mark Micallef Perconte u Andrew Borg, fejn matul din is-sena reġa' kellna aktar kotba u ġew stampati dawk l-ewwel sitt volumi.

## Kotba ta' Poeżiji

Ovvjament ma nistax nibda billi ma nsemmix il-Premju Nazzjonali tal-ktieb 2023 fejn l-ewwel tliet rebbieħa kienu kif ġej:

L-ewwel premju: Leanne Ellul b'ix-xnigħat ta' xmux u dwalijiet għammiexa

It-tieni premju: Claudia Gauci b'Penthos

It-tielet premju: Glen Calleja b'RSVP

Il-Kunsill Nazzjonali tal-ktieb, permezz tas-sit tiegħu, iħabbar ukoll l-ewwel għaxar finalisti https://ktieb.org.mt/news/jithabbru-r-rebbieha-tal-konkors-nazzjonali-tal-poezija-doreen-micallef-2023/.

Nibqa' sorpriż kemm joħorġu kotba ta' poeżiji u forsi rrid ngħid li mhux l-iktar ġeneru, li f'pajjiżna, fih hemm x'wieħed jista' jikkritika. Għandna livell tajjeb.

Ninnota b'sodisfazzjon li l-awturi Maltin huma voċiferi kontra l-gwerra u jissimparizzaw ħafna mal-"ġeniċidju" fuq il-poplu Palestinjan. L-ambjent jiddomina fil-kitbiet tal-poeti tagħna. Hawnhekk ma nistax ma nsemmix awturi li jilmentaw mhux biss dwar is-siġar u t-torrijiet imma anke dwar il-valuri u t-tradizzjonijiet. Fost dawn insibu lil Alfred Massa, Alfred Grech u Patrick Sammut.

Jekk ser nitkellmu dwar is-sempliċità, insemmi wkoll lil Amanda Busuttil li matul din is-sena nediet ukoll ktieb tagħha f'serata miżgħuda bin-nies.

Ta' min ngħid li dawn il-poeti li semmejt kollha kellhom kotba ġodda matul din-sena. Dawn il-poeti huma kemm "ribelli" għaliex ma jimxux mal-kurrent u aktar milli jridu jikkonservaw dak li għandna, qed ifittxu li jkomplu jisquna b'dak li jaħsbu jagħmel sens lil ħajjitna. Għalija mhux sorpriża li Charlò Camilleri u Gioele Galea jibqgħu fost l-aktar poeti popolari. Jidher li hemm għatx kbir għal dak li huwa spiritwali, jekk dejjem ikun jappella għas-soċjetà li qed ngħixu fiha.

## Kotba ta' Rumanzi u Novelli

L-awturi Salv Sammut u Lina Brockdorff jidhru li jibqgħu popolari sew mal-qarrejja tagħna. Segwiti b'awturi bħal Helen Borg u anke Paul P. Borg fost oħrajn.

Xi ħaġa li nixtieq li tevolvi f'dan il-ġeneru huwa l-istil tal-kitba minn wieħed narrattiv għal dak deskrittiv. Aspett ieħor huwa fejn l-awturi, li f'ħafna kotba lokali jiktbu fl-ewwel persuna, x'aktarx ikunu wisq paternalisti u jridu jkunu huma li jiġġudikaw lill-istess karattri li ħolqu huma stess.

## Lejliet letterarji

Serata Letterarja ferm mistennija tibqa' bla dubju ta' xejn il-Festival tal-Mediterran. Esperjenza unika ta' traduzzjonijiet minn numru ta' pajjiżi madwar il-Mediterran. Huwa dan l-ispirtu sabiħ fejn il-letteratura tgħaqqadna, bħala umani, minkejja d-differenzi fil-pajjiżi, ġeneru u oħrajn.

Naf li jsiru wkoll l-open mic organizzati minn Inizjamed. Esprimi torganizza mill-inqas laqgħa darba fix-xahar. Imbagħad għandna għaqdiet oħrajn li joħorġu minn lokalitajiet differenti bħal Muża Karkariża li huma miftuħin anke għal dawk li mhumiex minn dik il-lokalità.

Personalment ma nħossx il-ħtieġa li jsiru aktar serati bħal dawn fejn l-awturi jistgħu jaqraw xogħolijiet tagħhom. Li nixtieq iżda huwa li aktar awturi jisimgħu x-xogħlijiet ta' xulxin. Huwa tajjeb li jkollna l-ħbieb tagħna iżda rridu nkunu miftuħin għall-oħrajn. Biex nikbru aħna, biex jikber ħaddieħor magħna. Sfortunatament dan huwa pajjiż żgħir, u niddejjaq nara l-istess awturi fl-istess lejliet letterari .

## Il-Festival tal-Ktieb

Ma nistax ma ngħalaqx billi ngħid prosit mill-ġdid lill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb għall-organizzazzjoni ta' dan il-Festival.

Bħalma għidt is-sena li għaddiet, nixtieq nara aktar użu mit-teknoloġija. Mhux qed ngħid għal kotba diġitali imma anke waqt il-Festival innifsu. Hekk jixraq f'Festival ta' dan il-kalibru fiż-żmien tal-lum.

## Mad-Daqq Tal-Vjolin ta' Salv Sammut: Kumment ta' Michael Cini

Malli qbadt naqra l-ktieb MAD-DAQQ TAL-VJOLIN tal-awtur Salv Sammut, mill-ewwel paragrafi ntbaħt li minkejja li fih ftit paġni mhux ħażin, ma kontx se ndum wisq biex naqrah kollu.

L-istorja mill-ewwel qanqlitli l-kurżità. Storja ħelwa li tibda biex tiddeskrivi l-innoċenza tat-tfulija u l-iżviluppi turbanti li jseħħu fil-perjodu tal-pubertà u l-adolexxenza. Imbagħad tgħaddi biex tirrakkonta l-avventuri taż-żgħożija li xi drabi, jafu jkunu wkoll perikolużi u li jħallu konsegwenzi serji. Imma jien u naqra, ma stajtx ma ninnutax is-suriet differenti li f'dan ir-rumanz hija mfissra l-imħabba. L-imħabba ta' bejn il-ħbieb, l-imħabba ta' bejn il-ġenituri u l-ulied, l-imħabba li tiżviluppa bejn in-namrati u saħansitra wkoll, is-suriet li tieħu meta tkun ġiet miċħuda jew anki misjuba wara ħafna u ħafna snin.

In-nisġa tar-rakkont hija maħduma minn karattri differenti. Karattri li bil-mod vividu ta' kif kapaċi jiddeskrivihom dan l-awtur tħoss li qed tiltaqa' magħhom tassew. L-istess jgħodd għar-rakkonti tas-sitwazzjonijiet li tant huma mpinġijin bir-reqqa li tistħajlek qiegħed tieħu sehem fihom inti stess. Saħansitra anki x-xeni ta' postijiet lil hinn minn Malta huma verament reali. Barra minn hekk, mill-mod ta' kif ipoġġi s-sekwenzi tinduna wkoll kemm Sammut għandu ħakma tajba ta' kif jippreżenta u jfisser sewwa l-ġrajja tar-rumanz lill-qarrej. Ġrajja minsuġa minn bosta episodji differenti li jingħaqdu f'avveniment wieħed. U dan, l-awtur seta' jagħmlu biss billi fassal pjan mirqum li lill-qarrej jgħinu jsegwi l-andament tar-rakkont mingħajr ma qatt jintilef bejn sekwenza u oħra.

F'dan ir-rumanz, Sammut jirnexxilu joħroġ kuntrasti differenti ta' x'taf toffri l-ħajja. Kuntrasti ta' bejn il-lussu u l-faqar, il-ħajja komda u dik ta' tbatija u speċjalment, l-attitudni tas-soċjetà lejn is-sinjur u l-mod ta' strmerrija li tħares lejn il-fqir li bosta drabi, ikollu jgħix bil-loqom li jħallilu ħaddieħor. U huma proprju dawn l-intriċċi li jsawru l-ġrajja ta' dan ir-rumanz f'waħda intriganti, interessanti u tassew emozzjonanti.

Imma l-aktar elementi li jikkaratterizzaw dan ir-rumanz u li ma ħallewnix nitilqu minn idejja, żgur li huma l-ammont ta' sorpriżi, kurżitajiet u mistoqsijiet – waħda wara l-oħra. Madanakollu l-akbar u l-aktar sorpriża emozzjonanti – ta' awtur bravu li hu – Salv Sammut ma naqasx li jerfagħha għall-aħħar ... kif tassew kien jixraq biex jispiċċa r-rakkont tiegħu bil-kbir.

Dan huwa rumanz li tassew ħadt pjaċir naqra għaliex minbarra l-istorja sabiħa li jirrakkonta, laqtitni wkoll il-produzzjoni tal-ktieb mid-disinjaturi ta' @ Horizons. It-tipa hija kbira u l-ispazji ta' bejn il-linji huma komdi.

Dan minbarra l-kapitli qosra u l-Malti idjomatiku u mexxej li juża dan l-awtur li bla dubju, iħeġġuk tkompli taqra mingħajr sforz ta' xejn.

Għalhekk jekk qed tfittex li taqra rumanz interessanti, MAD-DAQQ TAL-VJOLIN jippreżentalek varjetà sħiħa ta' emozzjonijiet u intriċċi miġburin f'rakkont mill-isbaħ.

Dan ir-rumanz issib tixtirh minn www.horizons.com.mt u mill-ħwienet tal-kotba kollha.